ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IL-LIVELLI**

**5 – 6 – 7 – 8**

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2014**

## IT-TIENI SENA L-ISTUDJI SOĊJALI L-ISKEMA TAL-MARKI

**Taqsima A**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | familja | **Unit 8.1, Objective 1, Learning Outcome Level 5** |
| 2. | l-istil ta' ħajja | **Unit 8.1, Objective 2, Learning Outcome Level 5** |
| 3. | soċjalment | **Unit 8.1, Objective 3, Learning Outcome Level 5** |
| 4. | jinfluwenzaw | **Unit 8.1, Objective 4, Learning Outcome Level 5** |
| 5. | kastigi | **Unit 8.1, Objective 5, Learning Outcome Level 5** |
| 6. | demokrazija | **Unit 8.2, Objective 1, Learning Outcome Level 5** |
| 7. | valuri soċjali | **Unit 8.2, Objective 2, Learning Outcome Level 5** |
| 8. | opinjoni | **Unit 8.2, Objective 3, Learning Outcome Level 5** |
| 9. | kunsill lokali | **Unit 8.2, Objective 4, Learning Outcome Level 5** |
| 10. | gvern nazzjonali | **Unit 8.2, Objective 5, Learning Outcome Level 5** |

**Total: marka x 10 = 10 marki**

**Taqsima B**

| KOLONNA A | NUMRU | KOLONNA B |
|---|---|---|
| 1. Il-kap ta' gvern lokali | 4 | **Unit 8.1, Objective 4, Learning Outcome Level 7** |
| 2. Il-familja u l-qraba huma | **1** | **EŻEMPJU** |
| 3. Edukazzjoni informali hi | 5 | **Unit 8.2, Objective 3, Learning Outcome Level 7** |
| 4. Attivitajiet sportivi jaffettwaw lil | 6 | **Unit 8.2, Objective 4, Learning Outcome Level 7** |
| 5. F'demokrazija kull persuna | 8 | **Unit 8.2, Objective 4, Learning Outcome Level 7** |
| 6. F'demokrazija, il-gvern | 9 | **Unit 8.3, Objective 1, Learning Outcome Level 7** |
| 7. F'sistema totalitarja l-gvern | 11 | **Unit 8.3, Objective 5, Learning Outcome Level 7** |
| 8. F'monarkija | 2 | **Unit 8.1, Objective 1, Learning Outcome Level 7** |
| 9. Ix-xogħol, barra l-paga, jagħti | 10 | **Unit 8.3, Objective 3, Learning Outcome Level 7** |
| 10. Il-flus li naqla' mix-xogħol tiegħi | 7 | **Unit 8.2, Objective 4, Learning Outcome Level 7** |
| 11. Meta fuq il-ġugarelli jkun hemm il-marka CE | 3 | **Unit 8.1, Objective 3, Learning Outcome Level 7** |

**Total: marka x 10 = 10 marki**

**Taqsima C**

| | |
|---|---|
| 1. (b) | **Unit 8.1, Objective 1, Learning Outcome Level 6** |
| 2. (c) | **Unit 8.1, Objective 2, Learning Outcome Level 6** |
| 3. (a) | **Unit 8.1, Objective 3, Learning Outcome Level 6** |
| 4. (a) | **Unit 8.1, Objective 4, Learning Outcome Level 6** |
| 5. (b) | **Unit 8.1, Objective 5, Learning Outcome Level 6** |
| 6. (a) | **Unit 8.2, Objective 1, Learning Outcome Level 6** |
| 7. (b) | **Unit 8.2, Objective 2, Learning Outcome Level 6** |
| 8. (b) | **Unit 8.2, Objective 3, Learning Outcome Level 6** |
| 9. (c) | **Unit 8.2, Objective 5, Learning Outcome Level 6** |
| 10. (a) | **Unit 8.2, Objective 4, Learning Outcome Level 6** |

**Total: marka x 10 = 10 marki**

**Taqsima D**

| Numru | Marki | Tweġiba<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra rilevanti u valida għandha tiġi aċċettata.* | |
|---|---|---|---|
| 1 | 1,1 (2) | **Veru** | Fis-soċjetà tagħna aħna interdipendenti, li tfisser li kulħadd hu bżonn ħaddieħor xi ħin jew ieħor, u għalhekk kull xogħol hu importanti.<br>**Unit 8.3, Objective 1, Learning Outcome Level 5** |
| 2 | 1,1 (2) | **Falz** | Le, bħal kull pajjiż ieħor, f'Malta hawn nies bla xogħol, li qed ifittxu impjieg u għadhom ma sabux.<br>**Unit 8.3, Objective 2, Learning Outcome Level 5** |
| 3 | 1,1 (2) | **Falz** | Le bil-paga minima, persuna tkun tista' tixtri biss dawk l-affarijiet li jkollha bżonn biex tgħix.<br>**Unit 8.3, Objective 3, Learning Outcome Level 6** |
| 4 | 1,1 (2) | **Veru** | Iva, bħal kull rwol ieħor, il-konsumatur għandu d-drittijiet (pereżempju, id-dritt għall-informazzjoni) u d-dmirijiet (pereżempju, id-dmir li jżomm l-irċevuta).<br>**Unit 8.3, Objective 4, Learning Outcome Level 6** |
| 5 | 1,1 (2) | **Veru** | Id-drittijiet tal-konsumatur jiggarantixxu li l-konsumatur jingħata l-aħjar kundizzjonijiet u jieħdu ħsieb li min ibigħ ma jabbużax.<br>**Unit 8.3, Objective 5, Learning Outcome Level 6** |
| **TOTAL** | **10** | | |

**Taqsima E**

| Numru | Marki | Tweġibiet<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra rilevanti u valida għandha tiġi aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1 | 4 | Dak il-ħin kollu quddiem it-televixin u l-internet żgur li jaffettwa b'mod negattiv is-saħħa ta' Kevin. Ħafna ħin żejjed quddiem it-televixin jew l-internet inaqqas mill-ħin għall-eżerċizzju fiżiku, il-ħin għal passatempi li jiżviluppaw it-talenti tiegħu, il-ħin mill-interazzjoni soċjali, kif ukoll ħsara fid-dahar u fl-għajnejn.<br>**Unit 8.3, Objective 5, Learning Outcome Level 8** |

| | | |
|---|---|---|
| 2 | 4 | Skont il-livell tax-xogħol, il-ħaddiem jaqla' l-paga u b'hekk ikun jista' jixtri l-affarijiet li għandu bżonn. Il-livell ta' ħajja jiġi affettwat mill-paga li jkollu. Il-ħinijiet fuq ix-xogħol, il-kundizzjonijiet u l-benefiċċji jaffettwaw ukoll lill-familja tal-ħaddiem (kemm ikun jista' jixtrilhom u jagħtihom affarijiet).<br>**Unit 8.3, Objective 5, Learning Outcome Level 6** |
| 3 | 4 | Meta persuni ma jkollhomx ċertifikati u taħriġ ikollhom problema biex jerġgħu jsibu impjieg jekk jitilfu xogħolhom. Aktar kemm persuna jkollha ċertifikati u taħriġ, aktar ikollha ċans terġa' ssib xogħol.<br>**Unit 8.3, Objective 2, Learning Outcome Level 6** |
| 4 | 4 | **Edukazzjoni formali** hi mqassma skont il-kurrikulu u l-eżamijiet formali. **Edukazzjoni informali** hi bbażata l-aktar fuq l-esperjenzi personali u l-esperjenzi ta' matul il-ħajja.<br>**Unit 8.1, Objective 3, Learning Outcome Level 7** |
| 5 | 4 | Il-gvern nazzjonali jmexxi lill-pajjiż kollu, pereżempju Malta. Il-gvern lokali jmexxi l-lokalità, pereżempju belt jew raħal.<br>**Unit 8.2, Objective 5, Learning Outcome Level 7** |
| **TOTAL** | **20** | |

**Taqsima F**

| Numru | Marki | Tweġibiet<br><br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra rilevanti u valida għandha tiġi aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1 | 1,1,1,1,1 (5) | • il-vot ħieles<br>• iċ-ċans li kull persuna tikkontesta l-elezzjoni<br>• aktar ugwaljanza<br>• kull vot jiswa l-istess u kulħadd (wara ċertu età) għandu d-dritt għall-vot<br>• iċ-ċans li ssemma' l-opinjoni tiegħek<br>**Unit 8.2, Objective 1, Learning Outcome Level 7** |
| 2 | 1,1 (2) | • ma tingħatax iċ-ċans li ssemma' leħnek<br>• ma tingħatax iċ-ċans li tassoċja ruħek ma' gruppi li tkun tixtieq<br>• ma tkunx tista' tivvota lil min trid<br>(*L-istudenti għandhom isemmu żewġ eżempji.*)<br>**Unit 8.2, Objective 1, Learning Outcome Level 8** |
| 3 | 3 | It-tolleranza hi li persuna taċċetta l-opinjoni ta' ħaddieħor, tirrispettaha anke jekk ma taqbilx magħha.<br>**Unit 8.2, Objective 3, Learning Outcome Level 6** |
| 4 | 1,1,1 (3) | • id-dmir li jittrattawhom ta' persuni<br>• id-dmir li jospitawhom u joffrulhom post fejn joqogħdu<br>• id-dmir li jintegrawhom kemm jista' jkun fis-soċjetà<br>• id-dmir li jgħinuhom u jagħtuhom il-bżonnijiet bażiċi<br>(*L-istudenti għandhom jagħtu tliet eżempji.*)<br>**Unit 8.2, Objective 2, Learning Outcome Level 7** |
| 5 | 1,1,1 (3) | • li tobdi r-regoli tal-pajjiż<br>• li tipprova tintegra mal-bqija tas-soċjetà<br>• li ma taqlax inkwiet fis-soċjetà<br>**Unit 8.2, Objective 2, Learning Outcome Level 7** |

| | | |
|---|---|---|
| 6 | 1,1,1,1 (4) | • il-midja tedukak permezz ta' programmi edukattivi<br>• il-midja żżommna infurmati b'dak li jkun qed jiġri madwarna<br>• firxa ta' valuri u kulturi minn pajjiżi oħra<br>• il-midja tista' tippreġudikana<br>• *brainwashing* ta' ideat.<br>(*L-istudenti għandhom jagħtu erba' modi.*)<br>**Unit 8.1, Objective 4, Learning Outcome Level 7** |
| **TOTAL** | **20** | |

**Taqsima G**

L-20 marka jitqassmu bejn wieħed u ieħor kif ġej:
17 – 20: Eċċellenti
13 – 16: Tajjeb
10 – 12: Mhux ħażin
0 – 9: Mhux tajjeb

L-istudenti huma mistennija li joħorġu b'ideat bħal:

1. **Unit 8.1, Objective 1, Learning Outcome Level 7**
   - Fost l-aġenti jistgħu jsemmu l-familja (soċjalizzazzjoni primarja), il-ħbieb, l-iskola, il-mass midja (sekondarja).
   - Kull persuna tinfluwenzana, iżda l-familja l-aktar. Minn meta nkunu żgħar nitgħallmu mingħandhom kif nitkellmu, il-valuri u n-normi.
   - Il-ħbieb jgħallmuna aktar affarijiet u jagħtuna esperjenza tal-ħajja.
   - Il-mass midja juruna realtajiet ta' pajjiżi oħra, jagħtu lok għal ideat oħra, ħafna tfal iqattgħu ħafna ħin quddiem it-televiżjoni, l-internet u fuq il-mowbajl.
   - L-iskola u l-edukazzjoni jgħinu lill-persuni jkollhom ideat ġodda, jkabbru l-orizzonti tagħhom u jiskopru affarijiet ġodda.
   - Importanti li waqt id-diskussjoni l-istudenti jiddiskutu fuq żewġ aġenti tas-soċjalizzazzjoni.

2. **Unit 8.2, Objective 4, Learning Outcome Level 7**
   - Id-demokrazija għandha bosta vantaġġi bħal
     i. li kulħadd jitqies indaqs quddiem il-liġi.
     ii. li ċ-ċittadini għandhom iċ-ċans li jsemmgħu l-opinjoni tagħhom mingħajr l-ebda diskriminazzjoni, theddid jew biża'.
     iii. mhux suppost isiru preferenzi bejn iċ-ċittadini bħal fuq il-post tax-xogħol.
     iv. f'demokrazija, il-persuna jkollha smigħ xieraq f'każ li tiġi akkużata li kisret il-liġi.
     v. persuna jkollha d-drittijiet tagħha mħarsa, iżda din trid tħares ukoll dmirijietha.
   - Żvantaġġi tad-demokrazija
     i. persuni li jidħlu għall-politika għal skopijiet personali mhux biex jgħinu lill-pajjiż
     ii. biex toħroġ għall-politika jrid ikollok ħafna flus ħalli tagħmel kampanja elettorali
     iii. waqt elezzjoni jivvota kulħadd, anke persuni li ma jinteressahomx mill-politika għalhekk jew ma jivvutawx jew jivvutaw lil min jaqblilhom.

3. **Unit 8.3, Objective 3, Learning Outcome Level 7**
   Skont ix-xogħol tal-persuna, din ikollha l-pożizzjoni tagħha fis-soċjetà, taqla' l-għajxien tagħha u tkun tista' tixtri dak li jkollha bżonn jew tixtieq.
   Il-flus jiġu mix-xogħol li persuna tagħmel. Kull xogħol jagħti identità u ċ-ċans li persuna tħossha bżonnjuża.
   Skont kemm persuna taqla' flus tkun kapaċi tixtri.
   Kull persuna tkun tista' taffettwa lil ħaddieħor skont ir-rwol tagħha.

**20 marka**
**Total tal-karta: 100 marka**

Persentaġġ tal-marki skont il-livelli:

| | |
|---|---|
| **Livell 8** | 6 % |
| **Livell 7** | 53% |
| **Livell 6** | 27 % |
| **Livell 5** | 14 % |
| **Total** | **100%** |